# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-4 ta’ Diċembru 2014 — Sales & Solutions vs UASI — Inceda (WATT u WATT)**

**(Kawżi magħquda T-494/13 u T-495/13)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade marks Komunitarji figurattiva WATT u verbali WATT — Raġuni assoluta għal rifjut — Natura deskrittiva — Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f’sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta’ prodott jew ta’ servizz — Għan — Obbligu ta’ disponibbiltà [Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)] (ara l-punti 16, 17)*

2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f’sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta’ prodott jew ta’ servizz — Kriterji [Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c)](ara l-punti 18-21)*

3. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet assoluti ta’ invalidità — Reġistrazzjoni kuntrarja għall-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 207/2009 — Tradse marks verbali u figurattivi WATT [Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(ċ)](ara l-punti 28, 32-34, 38, 43)*

4. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni preċedenti tat-trade mark f’ċerti Stati Membri — Effett (ara l-punt 45)*

## Suġġett

Fil-Kawża T-494/13, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-15 ta’ Lulju 2013 (Każ R 1192/2012-4), u, fil-Kawża T-495/13, rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-15 ta’ Lulju 2013 (Każ R 1193/2012-4), relatati ma’ proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Inceda Holding GmbH u Sales & Solutions GmbH.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) Sales & Solutions GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u ta' Inceda Holding GmbH fil-Kawżi magħquda T-494/13 u T-495/13.